# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) Kompetenzi Ewlenin | IL-ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ___________________________ Il-klassi: _______**

**Għall-għalliema:**

| L-Assessjar Kontinwu | It-Taħdit u s-Smigħ | Il-Qari | Il-Kitba | Il-Letteratura | Il-Proġett | Il-Fehim mis-Smigħ | It-Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| L-Assessjar tal-Karta tal-Kitba | Il-Fehim mill-qari | Il-Grammatika | Il-Kitba Funzjonali | Il-Kitba Libera | It-Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 5 | 15 | 40 |
| | | | | | |

| It-Total aħħari |
|---|
| 100 |
| |

| A. Il-Fehim mill-Qari | (10 MARKI) |
|---|---|

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet wara.**

# Il-Karnival f'Malta




Il-Karnival f'Malta joħodna lura lejn is-seklu ħmistax meta kien festa ta' ikel. Fi żmien il-Kavallieri, l-Karnival kien isir f'forom differenti. Meta bdew jintużaw il-maskri mhux l-ewwel darba li kien hemm min jabbuża minnhom, u japprofitta ruħu biex ipattiha lil xi ħadd. Il-Gran Mastru Lascaris, biex irażżan dawn l-abbużi, ħareġ ordni li n-nisa ma jistgħux jilbsu maskri jew jattendu għal reċti umoristiċi. Jekk imbagħad tinqabad xi mara tikser din il-liġi kienet tingħata l-piena tas-swat. Mhux ta' b'xejn li għadna sal-lum ngħidu lil xi ħadd li għandu **<u>wiċċ Laskri</u>** peress li Lascaris kien kontra l-ferħ u l-bluhat. **(par.1)**

Lejn tmiem is-seklu tmintax l-isfilata tal-Karnival kienet tinfetaħ mill-karozzella tal-Gran Mastru, flimkien mal-kavallerija u d-daqq tat-tnabar. Wara kienu jgħaddu l-kalessi wara xulxin, imbagħad il-karrijiet. Fi żmien l-Ingliżi, l-Karnival naqqas mill-popolarità tiegħu iżda xorta baqa' jiġi organizzat. Fil-fatt fl-1926 beda jiġi organizzat minn kumitat imqabbad mill-Gvern. **(par.2)**

Fost it-tradizzjonijiet marbuta mal-Karnival insibu l-Parata jew żifna bix-xwabel tal-injam, u l-Kukkanja li kienet daħlet f'Malta mill-Gran Mastru Zondadari biex jaljena lin-nies mit-tmexxija iebsa tiegħu. Għall-Kukkanja kien jintrama arblu oħxon u għoli f'nofs il-pjazza tal-palazz tal-Gran Mastru u fil-quċċata tiegħu kienu jpoġġu fniek, perżut u zalzett. L-arblu kienu jidilkuh bix-xaħam u numru ta' żgħażagħ kienu jitilgħu miegħu u kulma jilħqu minn fuq kienu jeħduh. **(par.3)**

(Addattata mill-ktieb *Leħħ il-Malti: L-Ewwel Volum,2014 – p.64)*

**i. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.** ____ **5marki**

1. F'liema seklu beda l-Karnival f'Malta? ***(par.1)***

______ Seklu dsatax ______ Seklu ħmistax ______ Seklu tmintax

2. X'kien ikun l-iskop ta' xi wħud li jilbsu l-maskri fil-Karnival? ***(par.1)***

Meta bdew jintużaw il-maskri mhux l-ewwel darba li kien hemm min jabbuża minnhom, u________

_______________________________________________________________________________

3. X'kien jiġrilhom dawk in-nisa li jmorru kontra l-ordni tal-Gran Mastru Lascaris? ***(par.1)***

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

4. Għalxiex baqgħet tintuża l-frażi "wiċċ l-Laskri"? ***(par.1)***

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

5. Semmi żewġ affarijiet li bihom kienet tinfetaħ l-isfilata tal-Karnival. ***(par.2)***

A_______________________________________________________________________________

B_______________________________________________________________________________

**ii. Għid jekk hux VERU jew FALZ.**

**___ 5marki**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Fl-isfilata tal-Karnival, l-ewwel jgħaddu l-karrijiet imbagħad il-kalessi. | **VERU** | **FALZ** |
| **2** | Fi żmien l-Ingliżi l-Karnival żied fil-popolarità. | **VERU** | **FALZ** |
| **3** | Fl-1926 l-Karnival ġie organizzat minn kumitat imqabbad mill-Gvern. | **VERU** | **FALZ** |
| **4** | Fost it-tradizzjonijiet marbutin mal-Karnival insibu l-Parata u l-Kukkanja. | **VERU** | **FALZ** |
| **5** | Fil-Kukkanja l-arblu jindilek biż-żejt. | **VERU** | **FALZ** |

| B. Il-Grammatika | (10 MARKI) |
|---|---|

**i. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi f'sentenza waħda billi tuża waħda minn dawn:**

___
5marki

imma – għada – u – iżda - wara

a. Jien mort il-Belt. Xtrajt żarbun iswed.

______________________________________________________________________

b. Jien inħobb naqra. Inti tħobb tilgħab.

______________________________________________________________________

ċ. Hu mar jgħum. Mar jistad ma' sieħbu.

______________________________________________________________________

d. Int tikteb pulit ħafna. Ma tafx tpinġi.

______________________________________________________________________

e. Illum sejjer nixtri bagalja. Noqgħod nippakkja kollox għas-safra.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**ii. Imla l-vojt skont dak li hemm mitlub fil-parentesi.**

___
5marki

a. Wara l-iskola nkun għajjien tant li jkolli ________________ *(raqad fil-preżent)* ftit.

b. Biex immorru l-Belt ikollna ________________ *(rikeb fil-preżent)* tal-linja.

ċ. Il-Ħadd li għadda ________________ *(ħareġ fil-passat)* ma' sħabi.

d. Ilbieraħ ___________________ *(xtara fil-passat)* żarbun.

Toni _________________ *(negattiv ta' laħaq)* lesta kollox fil-ħin

## Ċ.Il-Kitba Funzjonali

___
5marki



**L-iskola qed torganizza "Jum il-Ftira" sabiex tħeġġeġ aktar studenti jagħżlu l-ikel tipiku Malti fid-dieta tagħhom. F'madwar 50 u 70 kelma ikteb struzzjonijiet (metodu) li bihom tista' tagħmel ftira tajba! Tinsiex li kull struzzjoni trid tkun sempliċi u ċara.**

Dawn il-mistoqsijiet qegħdin biex jgħinuk tikteb l-istruzzjonijiet.

1. X'jeħtieġ ikollok biex tibda?
2. Xi trid tagħmel l-ewwel?
3. Kif trid tkompli?
4. X'inhi l-aħħar ħaġa li trid tagħmel?

**Agħti titlu**

___

1.___

___

2.___

___

3.___

___

4.___

___

___

**D.Il-Kitba Libera** ___ **15-il marka**

**Ikteb madwar 150 u 180 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-mistoqsijiet biex toħroġ punti għall-pjan tal-kitba.**

**Wieġeb fuq karti 7 u 8.** **(13-il marka)**

1. **Lanqas qatt ma naf li nħsadt daqs dakinhar!**

   (Meta kien? Fejn kont? Ma' min kont? Xħin kien? X'ġara? Int x'għamilt? )



2. **Iddeskrivi l-annimal favorit tiegħek.**

   (Liema hu? Għaliex? Tad-dar jew ta' barra? Ġieli rajtu xi mkien? Tixtieq li jkollok wieħed biex tieħu ħsiebu? Huwa possibbli?





3. **Kont miexi lejn id-dar meta ltqajt mal-ħabib/a tiegħek u waqaft titkellem dwar il-kunċert kbir li kien hemm fuq il-fosos il-ġurnata ta' qabel. Ikteb djalogu.**



   (Meta sar? Fejn? Min kien hemm? X'għoġbok l-aktar? Int x'għamilt waqt il-kunċert? )

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment tiegħek.** **(2 marki)**

Ikteb it-titlu

**Tmiem il-Karta**